**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 05/2021**
**1 ta' Lulju 2021**

# Ir-revoka tal-warrants f'każ ta' kundanna kriminali u r-rwol tal-Kamra tal-Periti

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

Wara li nqrat is-sentenza tal-Maġistrat Mifsud fil-konfront tal-Perit Roderick Camilleri u l-Perit Anthony Mangion dwar ir-rwol tagħhom fil-mewt traġika ta' Miriam Pace, huwa neċessarju li l-pubbliku jkun mgħarraf dwar ċerti aspetti tal-liġi u r-rwol tal-Kamra tal-Periti f'dan ir-rigward.

1. **Sospensjoni jew Revoka ta' Warrants u Sħubija**
L-iktar mistoqsija komuni li l-Kamra qiegħda tirċievi mill-kmamar tal-aħbarijiet hija dwar jekk il-periti li nstabu ħatja humiex membri tal-Kamra u, jekk iva, għandhiex l-intenzjoni li tissospendi s-sħubija tagħhom. Hemm numru ta' punti li jeħtieġu jiġu ċċarati għal benefiċju tal-pubbliku fuq dan il-punt:

1.1 Il-Kamra mhix assoċjazzjoni, club jew union tal-arkitetti u inġiniera ċivili. Hija mwaqqfa bil-liġi bħala regulatur tal-professjoni u sabiex taġixxi bħala l-konsulent uffiċjali tal-iStat dwar materji relatati mal-industrija.

1.2 Il-membri tal-professjoni huma parti tal-Kamra **awtomatikament**, huma suġġetti għall-proċeduri dixxiplinarji tagħha, u huma obbligati jsegwu d-direttivi u l-kodiċi tal-kondotta tagħha.

1.3 L-espulsjoni mill-Kamra tirrikjedi espulsjoni mill-professjoni. Tali espulsjoni tista' biss isseħħ f'każ li jiġi sospiż jew revokat warrant ta' periti skond il-liġi. Huwa fil-fatt ir-rwol tal-Kunsill li jinvestiga kull nuqqas professjonali tal-periti u li jistabbilixxi miżuri dixxiplinarji neċessarji sabiex iħares l-interessi tal-pubbliku u r-reputazzjoni tal-professjoni. Hekk kif għaddiet l-Att dwar il-Periti l-ġdid, il-Kunsill ser ikollu wkoll l-poter, wara li jagħmel investigazzjoni, li jiddelega s-smiegħ ta' proċeduri ta' dixxiplina lil Board ta' Kondotta Professjonali tal-Periti.

1.4 Kwalunkwe deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kamra jista' jiġi appellat fil-Qorti tal-Appell, u għalhekk il-Kunsill jaġixxi bħala entità ġudizzjarja minuri. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa obbligat li jżomm mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali li huma sanċiti fil-Kostituzzjoni. Dawn jinkludu d-dritt għall-smiegħ xieraq. Jekk tonqos milli tosserva dawn il-prinċipji, kwalunkwe deċiżjoni dixxiplinarja li tieħu l-Kamra tiġi nvalidata f'appell.

1.5 Sabiex tassigura smiegħ xieraq, il-Kamra ma tistax titkellem b'mod pubbliku fuq il-mertu ta' każ sakemm il-proċeduri dixxiplinarji jkunu mitmuma. Jekk titkellem qabel il-waqt, tkun ippreġudikat il-proċeduri ta' kondotta relattivi.

1.6 Huwa importanti li jiġi rrilevat ukoll illi perit jista' jitlef il-warrant tiegħu jew tagħha b'wieħed minn żewġ modi:

a) B'deċiżjoni tal-Kunsill, u eventwalment tal-Bord ta' Kondotta Professjonali;
b) B'kundanna kriminali b' sentenza ta' mill-inqas sena priġunerija, anke jekk sospiżi.

Fit-tieni każ, ir-revoka tkun awtomatika u mhux meħtieġ li jkun hemm digriet speċifiku fis-sentenza dwar dan il-punt.

Ir-rwol tal-Bord tal-Warrant tal-Periti huwa dak li jeżegwixxi d-deċiżjonijiet tal-Kunsill jew tal-Qorti, skond kif applikabbli, u m'għandu ebda setgħat diskrezzjonarji fuq dawn il-materji.

1.7 Wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali huwa *non bis in idem*; cioé ma tistax tiġi istitwita azzjoni legali fuq l-istess akkuża darbtejn. Minħabba f'hekk, il-Kunsill ma setax jipproċedi bl-investigazzjoni minħabba l-fatt illi l-atti t'akkuża ma ġewx għall-konjizzjoni tal-Kamra qabel illum.

1.8 F'Marzu 2021 il-Qorti ċaħdet talba tal-Kamra sabiex tingħata aċċess speċjali għall-inkjesta maġisterjali sabiex testrapola informazzjoni necessarja għall-investigazzjoni dixxiplinari li kienet qed tmexxi.

1.9 Il-Kamra ma tistax tieħu miżuri dixxiplinarji ulterjuri fuq punti li diġà ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali, kif ikkonfermat mill-konsulenti legali tagħha u l-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali.

**2. Issa x'ser jiġri?**

Iż-żewġ investigazzjonijiet li s'issa kienu sospiżi minħabba l-proċeduri kriminali ser jerġgħu jinfetħu mill-Kunsill sabiex jiġu deċiżi dawn il-punti:

a) Jiġi stabbilit jekk il-prosekuzzjoni jew il-partijiet misjuba ħatja humiex ser jappellaw is-sentenza. F'każ t'appell, il-Kunsill ikun irid jistenna l-eżitu tiegħu u tipproċedi abbażi tas-sentenza finali
b) Issir analiżi tal-akkużi u s-sentenza sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm merti ta' dixxiplina li ma ġewx indirizzati fil-kawża kriminali, inkluż ksur tal-kodiċi tal-kondotta, ksur ta' direttiva tal-Kamra, imġieba mhux professjonali jew negliġenza, u aġir li jiskredita l-professjoni.

Lil hinn mill-merti tal-proċeduri kriminali u dixxiplinarji, ix-xhieda li nstemgħet quddiem il-Qorti Kriminali, partikolarment dik tal-esperti appuntati mill-Qorti, esponiet nuqqasijiet serji fir-regolamentazzjoni tal-industrija li jeħtieġ jiġu indirizzati malajr kemm jista' jkun u b'mod kompetenti. Il-Kamra ser tkompli ssegwi l-proċeduri kriminali kontra l-kuntrattur u l-ħaddiem involuti sabiex

tistabilixxi jekk joħorġux fid-deher iżjed nuqqasijiet sistemiċi fil-qafas regolatorju kaotiku preżenti ta' din l-industrija.

Il-Kamra ilha tisħaq dwar il-bżonn ta' riformi għal diversi snin, u saħansitra ppubblikat il-proposti ddettaljati tagħha f'Mejju 2019 b'rispett sħiħ lejn l-obbligi legali u morali tagħha li tagħti pariri lill-iStat dwar kif l-aħjar jiġi mħares l-interess pubbliku.

Reċentement ukoll l-Kamra kienet għamlet konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjonijiet tagħha tal-Avviż Legali 136 tal-2019, li kien ġie kkritikat b'mod qawwi matul il-proċeduri kriminali, u ser tippubblika f'qasir żmien il-verżjoni finali li tirrefletti s-suġġerimenti li rċeviet.